

DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/7/UE

tat-18 ta' Ottubru 2013

li temenda għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb fl-istann, il-kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati, il-konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, l-qugh u konnetturi magħluqa li jintużaw a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1 m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immagna bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera, jew b) fil-kampji manjetiċi inqas minn 1 m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotronici, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Artikolu 2

Billi:

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

(2) Iċ-ċomb bħalissa jintuża fl-istann, il-kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati, il-konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, l-qugh u konnetturi magħluqa li jintużaw, minn naħa, f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1 m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immagna bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera; u, min-naħa l-oħra, fil-kampji manjetiċi inqas minn 1 m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotronici, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(3) Bħalissa ma hemmx sostituti li huma xjentifikament u teknikament prattikabbli u affidabbli biżżejjed għall-applikazzjonijiet taċ-ċomb imsemmija hawn fuq. Il-manifatturi jeħtiġilhom iktar żmien biex isibu soluzzjonijiet mingħajr ċomb li jkunu affidabbli u sikuri.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

(4) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 27 li ġej:

“27. Ċomb fi

- stann,
- kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati,
- konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, ilquġħ u konnetturi magħluqa,

li jintużaw

- (a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1 m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immaġni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfaġġlin biex jintużaw f'din l-isfera, jew
- (b) f'kampji manjetiċi inqas minn 1 m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotronici, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli.

Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020.”
